# 11. Id-Dura tal-Merħ

Ġo dura fir-rdum, fejn il-Ħerba
ħalliet ftit ħamrija fil-qiegħ,
fuq siġra fin-nofs qalb is-siġar
miżgħuda bil-merħ tat-tuffieħ,

- Il-merħ li għenieqed għenieqed
iqabbad il-friegħi bin-nar,
bħas-siġra tal-qedem mixgħula
li kellem Mose' ġewwa l-bar, -

Durrgħajsa mibruka ġo bejta
issaħħan bil-għożża lill-frieħ;
fuq fergħa l-għammiel dlonk ifesdaq
il-għana ta' qalbu mill-qiegħ.

Min ħawwel din-niċċa kennija,
li tixgħel bil-fjamma tal-merħ,
fil-qima lid-din tas-Sbuħija,
jixraqlu ta' dejjem is-serħ!

Il-ħlewwa li nisslet id-dehra
ġo qalbi f'dik l-għodwa t'April
qatt blieqet, qatt għabet għal kollox,
għalkemm gerbeb fuqi żmien twil;

U meta mill-ġlieda tal-ħajja
għajjien inħoss ruħi qatigħ,
nixtieq nerġa' mmur lejn d-dura
li tħammar bil-merħ tat-tuffieħ,

U mbiegħed mill-qtajja' beltija,
imdawwar bil-ħlewwa, bil-ġmiel,
nitgħaxxaq bil-ġnien tad-durrgħajsa,
nitferraħ bil-ferħ tal-għammiel!